Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2499

11.12.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2499

tad-9 ta' Diċembru 2025

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2191 fir-rigward tal-istandards armonizzati għall-apparati ta' medda qasira u għas-sistemi tal-komunikazzjoni mobbli abbord l-inġenji tal-ajru

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 16 tad-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), l-apparat tar-radju li jkun konformi mal-istandards armonizzati jew partijiet minnhom, li r-referenzi għalihom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, irid ikun preżunt konformi mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dik id-Direttiva, koperti minn dawk l-istandards jew partijiet minnhom.

(2) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 5376 ([3]), il-Kummissjoni talbet lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC, European Committee for Electrotechnical Standardization) u lill-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni (ETSI, European Telecommunications Standards Institute) biex jabbozzaw u jirrevedu l-istandards armonizzati għall-apparat tar-radju b'appoġġ għar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fid-Direttiva 2014/53/UE u koperti mill-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni ("it-talba").

(3) Abbażi tat-talba, l-ETSI abbozza l-istandards armonizzati EN 303 659 V1.1.1 u EN 305 550-6 V1.2.1 li għandhom x'jaqsmu ma' apparati ta' medda qasira.

(4) Abbażi tat-talba, l-ETSI rreveda l-istandards armonizzati EN 300 220-2 V3.1.1, EN 302 480 V2.2.1 u EN 302 729 V2.1.1 li r-referenzi tagħhom huma ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2191 ([4]). Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandards armonizzati EN 300 220-2 V3.3.1 relatati ma' apparati ta' medda qasira li joperaw fil-medda ta' frekwenzi 25 MHz sa 1 000 MHz, EN 302 480 V3.1.1 relatati mal-komunikazzjoni mobbli abbord sistemi tal-inġenji tal-ajru u EN 302 729-1 V3.1.1 relatati ma' apparati ta' medda qasira li jużaw teknoloġija ta' medda ultra wiesgħa.

(5) Il-Kummissjoni, flimkien mal-ETSI, ivvalutat jekk dawk l-istandards armonizzati humiex konformi mat-talba.

([1]) ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1025/oj.

([2]) Id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/53/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 5376 tal-4 ta' Awwissu 2015 dwar talba għal standardizzazzjoni lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika u lill-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni rigward it-tagħmir tar-radju biex tappoġġa d-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2191 tat-8 ta' Novembru 2022 dwar l-istandards armonizzati għat-tagħmir tar-radju abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 289, 10.11.2022, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2022/2191/oj).

(6) L-istandards armonizzati EN 303 659 V1.1.1, EN 305 550-6 V1.2.1, EN 300 220-2 V3.3.1, EN 302 480 V3.1.1 u EN 302 729-1 V3.1.1 jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali li għandhom l-għan ikopru u li huma stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/53/UE. Għalhekk, jixraq li r-referenzi ta' dawk l-istandards armonizzati jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(7) L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2191 jipprovdi r-referenzi għall-istandards armonizzati li jikkonferixxu preżunzjoni ta' konformità mad-Direttiva 2014/53/UE. Biex ikun żgurat li r-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/53/UE jkunu elenkati f'att wieħed, jenħtieġ li r-referenzi għall-istandards armonizzati EN 303 659 V1.1.1, EN 305 550-6 V1.2.1, EN 300 220-2 V3.3.1, EN 302 480 V3.1.1 u EN302 729-1 V3.1.1 ikunu inklużi f'dak l-Anness.

(8) Għaldaqstant, huwa neċessarju li r-referenzi tal-istandards armonizzati riveduti EN 300 220-2 V3.1.1, EN 302 480 V2.2.1 u EN 302 729 V2.1.1 jiġu rtirati minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(9) Biex il-manifatturi jkollhom biżżejjed żmien biex jadattaw l-apparat tar-radju tagħhom kopert mill-istandards armonizzati riveduti EN 300 220-2 V3.1.1, EN 302 480 V2.2.1 jew EN 302 729 V2.1.1, huwa neċessarju li l-irtirar tar-referenzi ta' dawk l-istandards armonizzati jiġi differit.

(10) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2191 tiġi emendata kif xieraq.

(11) Il-konformità ma' standard armonizzat tikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza ta' dan l-istandard f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2191 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punt (1) tal-Anness għandu japplika mill-11 ta' Ġunju 2027.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(1) jitħassru r-ringieli 10, 106 u 125;

(2) ir-ringieli li ġejjin jiddaħħlu f'ordni sekwenzjali:

Nru	Referenza tal-istandard
"10a.	EN 300 220-2 V3.3.1 Apparati ta' Medda Qasira (SRD, Short Range Devices) li joperaw fil-medda ta' frekwenzi minn 25 MHz sa 1 000 MHz b'livelli ta' potenza li jvarjaw sa e.r.p. ta' 500 mW; Parti 2: Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju għal tagħmir tar-radju mhux speċifiku";
"106 a.	EN 302 480 V3.1.1 Sistemi tal-Komunikazzjoni Mobbli Abbord l-Inġenji tal-Ajru (MCOBA, Mobile Communication On Board Aircraft); Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju";
"125 a.	EN 302 729-1 V3.1.1 Apparati ta' Medda Qasira (SRD) li jużaw teknoloġija Ultra Wide Band (UWB); Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju; Parti 1: Tagħmir ta' Radar tal-Kejl tal-Livell (LPR) li jopera fil-medda ta' frekwenzi 6 GHz sa 8,5 GHz, 24,05 GHz sa 26,5 GHz, 57 GHz sa 64 GHz, 75 GHz sa 85 GHz għal installazzjoni strettament vertikali 'l isfel";

(3) jiżdiedu r-ringieli li ġejjin:

Nru	Referenza tal-istandard
"182.	EN 303 659 V1.1.1 Apparati ta' Medda Qasira (SRD) fin-Networks tad-Data; Tagħmir tar-radju għall-użu fil-medda ta' frekwenzi 865 MHz sa 868 MHz u 915 MHz sa 919,4 MHz; Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju
183.	EN 305 550-6 V1.2.1 Apparati ta' Medda Qasira (SRD) għall-użu fil-medda ta' frekwenzi 40 GHz sa 260 GHz; Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju; Parti 6: Applikazzjonijiet speċifiċi għar-radjudeterminazzjoni - Tagħmir ta' Radar tal-Kejl tal-Livell fit-Tankijiet (TLPR) u Tagħmir ta' Radar tal-Kejl tal-Livell (LPR) li joperaw fil-meded tal-frekwenza 116 GHz sa 148,5 GHz; 167 GHz sa 182 GHz u 231,5 GHz sa 250 GHz".